**Għalik le m’għandix!**

Ġie fuqna l-Milied
Ferħ kbir kullimkien
Għax Alla li kien
Hawn twieled fis-skiet.

Alla li tana
Kollox mingħajr ħlas
Jqajjimna minn ngħas
Tax-xeħħa tagħna.

Jekk tana ilkoll
Minn qalbu għax ried,
Għax iġġibni rmied
U qalbek le tħoll?

Ftakar fija llum
Kliemek ma jtaffix
“Għalik le m’għandix!”
Tgħidli f’dan il-Jum.

Jien kemm jien iblaħ
Le nieħu għalik,
Aktar se nservik
Minn x’ħin se jisbaħ.

Għax hekk għallimni
Il-Feddej tiegħi,
Bik qiegħed miegħi
Imħabbtu taħkimni.

Għalhekk issa mmur
Għal għonq ‘l-kuritur,
Riġlejja mutur
Indur fuq li ndur.

Fit-tramuntana
U fl-eħrex grigal
Issibni rigal
Għalik m’s-Sultana.

Li tagħha int bint
Għalik hi titlob,
Minn Binha tixrob
Għax taf int min int.

Patri Mario Attard OFM Cap

24 ta’ Diċembru 2020